**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Pedro Carlos Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita numru 478086(M)**

***Kump. Nru. 83/2017***

Illum 27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Pedro Carlos Camilleri talli:

Nhar it- 2 ta' Diċembru, 2016, għall- habta tal-5:25 ta' filgħaxija, ġewwa l-istabbiliment magħruf bħala 'Vapour Clouds' sitwat ġewwa l-lokalità tal-Ħamrun:-

1. Mingħajr bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' arma irregolari, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Hamed, liema feriti ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ tal-offiż u dan skond ma ċċertifika Dr Patrick Galea M.D. (Reg No. 3481) miċ-Centru tas-Saħħa ta' Raħal il-Ġdid u/jew diversi tobba oħra;
2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamel lil ħaddieħor u ċjoe lil Mohamad Hamed inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provoazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża u ċioe ta' Mohamed Hamed, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġeiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna/i offiżi u l-familja tagħha u ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li l-ferita mgarrba mill-parte leza hija wahda kif ravvizata fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali;

Regghet ikkonfermat, anke wara li semghet lil-parte leza, li l-offiza mgarrba minnhu mhiex wahda li ġġib sfreġju gravi <u>u</u> permanenti fil-wiċċ;

Semghet lill-parte leza;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2017, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-mahfra inkondizzjonata tal-parte civile, il-fedina penali netta tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 214, 215, 216, 221, 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reati ohra waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

In vista tax-xhieda tal-parte leza tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba a tenur ta' l-artikoli 382A, 383, 384, u 412C tal-Kodici Kriminali billi m'hemmx aktar htiega taghha.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**